KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 32**

**15 ta' Frar 2017**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Antonello Cuschieri – Kunsillier
Louise Portelli - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Carmen Borg - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

## 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

32.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat Certifikat Mediku u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Carmen Borg lill-membri preżenti, li unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

32.2.1 Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 31 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

32.3.1 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa jekk it-tender tal-Avukat inħarġitx. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tender qed tinħadem. Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet x'tip ta' *Financial Bid* se tintalab jekk hux *Global Fee* jew inkella *Fee Based*. Il-Kunsill approva li t-tender tinhareg *Fee Based Tender*.

32.3.2 Is-Sindku, Christian Sammut infurma lill-membri li x-xoghol fuq il-bankina ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali Immakulata Kuncizzjoni kwazi tlesta. Is-Sindku ssuggerixxa li jsiru bollards dekorattivi u pjanti sabiex jigi evitat li jsir abbuz ta' parkegg mit-trakkijiet u b'hekk jigi evitat li ssir hsara. Il-Kunsill approva din il-proposta.

32.3.3 Is-Sindku, Christian Sammut infurma li z-zewg persuni nnominati f'isem il-Kunsill, sabiex iservu fil-kumitat li waqqaf il-Kappillan Fr Walter Cauchi, fl-okkazjoni tac-Centinarju ta' San Gejtanu huma s-Sur Ian Pintley u s-Sur Emanuel Mifsud li huma intizi hafna fil-kult ta' San Gejtanu. Is-Sur Ian Pintley huwa kollezzjonist u ghandu kuntatt mill-qrib mat-Teantini, filwaqt li s-Sur Emanuel Mifsud huwa persuna li ghandu knowledge storiku tajjeb dwar San Gejtanu.

32.3.4 Is-Sindku nfurma li l-Kumitat qed jiddiskuti li ssir dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Gejtanu, f'lejlet il-Milied, fl-okkazjoni tad-dehra tal-Madonna lil San Gejtanu. Barra minhekk qed jigi ppjanat li jsiru statwa u mafkar ta' San Gejtanu, izda dwar dan se jaghti dettalji aktar ' l quddiem.

32.3.5 Is-Sindku nfurma lill-membri li matul il-granet li ghaddew iltaqa' ma' Josef mill-Azzjoni Kattolika, fejn iddiskutew l-ideat friski u zaghzugha biex il-LEGA terga' tinfetah. Is-Sindku gie nfurmat li l-binja ghandha hafna hsarat u jehtieg li bhala Kunsill flimkien mal-LEGA naraw x'jista' jsir. Is-Sindku nfurma li problema ohra hi li jehtieg li tinstab persuna li tiehu hsieb il-LEGA. Is-Sindku ssuggerixxa lill-Azzjoni Kattolika, li jitqabbdu youth workers izda dan jaf jiehu z-zmien.

32.3.6 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill ha hsieb li jqassam flyers lir-residenti li jghixu fl-*Urban Conservation Area* sabiex jiehdu l-opportunita' sabiex japplikaw ghar-restawr u jduru l-faccati taht l-iskema Irrestawra Darek.

32.3.7 Is-Sindku nfurma lill-membri li gie ffirmat Memorandum of Understanding mal-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima sabiex isir Progett ta' Urban Greening fil-lokalita'.

32.3.8 Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Wi-fi fi Pjazza San Pawl se jigi rilokat u se jsir fi Gnien Anton Buttigieg u se jizdiedu zewg points ohra, wiehed fi Gnien Oreste Chircop u iehor fil-vicinanzi ta' Gnien Salvinu Spiteri. Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni li l-Kunsill ghandu jikkunsidra s-sit ta' Gnien Anton Buttigieg ghaliex diga kien hemm problemi b'bosta zghazagh li jintefghu fil-gnien u jaghmlu hafna storbju.

32.3.9 Il-Kunsillier Efrem Buttigieg staqsa jekk saritx applikazzjoni sabiex tigi nstallata bozza gdida fi Triq Joe Gasan. Is-Segretarju Ezekuttiv issuggeriet li ssir site inspection qabel titressaq applikazzjoni. Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni li r-residenti kienu diga talbu li jsir dawl adegwat izda hadd ma riedha mal-faccata tieghu.

32.3.10 Il-Vici Sindku, Vincent Bonello gibed l-attenzjoni dwar il-kaz tal-invit li ma wasallux. Il-Vici Sindku rrimarka li fiz-zmien meta kien hu Sindku, dawn in-nuqqasijiet qatt ma saru. Il-Vici Sindku Vincent Bonello nfurma lill-membri li ilu gimghat jistaqsi lis-Segretarju Ezekuttiv dwar min kien responsabbli minn dan in-nuqqas. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li regghet ikkonfermat mal-istaff li l-invit intbaghat bil-posta. Is-Sindku rega fakkar li l-Kunsill huwa obbligat jibghat il-korrispondenza bl-email u ghaldaqstant huwa mportanti li l-membri kollha jkollhom email attiv, izda fil-kaz tal-Vici Sindku, l-posta se tibqa' tintbaghat b'mod tradizzjonali. Il-Vici Sindku talab li l-istaff ikun aktar responsabbli sabiex zbalji ta' dan it-tip ma jergghux jirrepetu ruhhom.

**32.4 Karnival 2016**

32.4.1 Is-Sindku Christian Sammut nfurma li nhar il-Hadd, 26 ta' Frar se ssir il-Parata tal-Karnival. Is-Sindku nfurma li qed jahdem sabiex issir il-Kompetizzjoni ghall-Isbah Kostum tal-Karnival u talab li xi hadd mill-membri jghin fl-organizzar ta' din l-attivita', fin-nuqqas tal-Kunsillier Carmen Borg. Is-Sur Segretarju Ezekuttiv issuggeriet li jiddahhal xi hadd mill-istaff sabiex jiehu hsieb ir-registrazzjoni tal-partecipanti. Il-Kunsill qabel li jaghmel fee ta' € 5 sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez. Is-Sindku nfurma li ghal din l-okkazjoni se jinghata spazju lill-bejjiegha sabiex ibieghu popcorn u candy floss. Din se tkun f'idejn il-ko-ordinatur Mario Camilleri.

**32.5 Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li tkun skuzata mil-laqgha. Hi harget mil-laqgha ghal habta tas-5.45p.m.**

32.5.1 Is-Sindku nfurma li se jitnaddfu xi wires mill-Entitatjiet GO, Melita plc u Enemalta. Fil-fatt il-Kunsill talab lill-Korporazzjoni Enemalta t-tnehhija ta' linji li mhux jintuzaw u l-Korporazzjoni min-naha taghha ghaddiet stima tax-xoghlijiet li tammonta ghal madwar € 800, biex titnehha linja minnhom u tigi mghoddija mill-art.

32.5.2 Il-kunsillier Efrem Buttigieg nfurma li l-ispettaklu fl-arena huwa mistenni li jibda' fid-9.00a.m. u tintemm ghall-habta tas-1.30p.m. Fil-fatt huwa ghandu 7 kumpaniji taz-zfin li huma; The Wild Strenght Dancers, Exotic Dancers, Iconic Dancers, Keith Dance Studio, The Dancing Angels, Aqua Blue Dancers u Vogue Dancers. L-ispettaklu se jkun ipprezentat minn The Greenfields, bhas-sena li ghaddiet. Il-Kunsillier Efrem Buttigieg talab li jkollu ftit ghajnuna waqt il-parata ghaliex waqt l-ispettaklu jkun hemm hafna genn.

**32.6 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri daħal għal-laqgħa fis-18:05**

32.5.4 Il-Kunsillier Efrem Buttigieg infurma lill-membri li ġie kkuntattjat mis-Sinjorina Stephanie Fsadni minn Times of Malta fejn talbietu dettalji tal-attivita'. Il-Kunsillier Efrem Buttigieg infurma li hu wieġeb għad-domandi li kellha ppreparata għalih u għadda sett ritratti tal-Parata tas-sena li għaddiet, li ġew mgħoddija lilu mis-Segretarju Eżekuttiv.

32.5.5 Is-Sindku ħeġġeġ lill-membri sabiex jagħmlu *promotion* tal-attivita' fuq il-media soċjali.

**32.6 Attivitajiet marbuta mal-Festi tal-Gimgha Mqaddsa**

32.6.1 Is-Sindku nfurma lill-membri li bhalissa qed isiru xi slaleb sabiex jintramaw fil-pjazez ewlenin tal-lokalita', bhalma sar bil-presepji fil-Milied u se jsiru xi slaleb zghar ohra sabiex jintramaw mir-residenti fil-gallariji.

32.6.2 Is-Sindku nfurma ukoll li l-Ghaqda Propera Augesco ghaddejja bil-preparamenti sabiex ghar-raba' sena konsekuttiva tittella' r-rapprezentazzjoni tal-Passjoni. Din is-sena, fil-Pageant se jkun hemm is-sehem tal-Orkestra tal-Junior College.

**32.7 Attivitajiet Ohra**

32.7.1 Is-Sindku nfurma li l-Kunsill taz-Zghazagh huwa ffurmat minn studenti li qed jattendu l-Junior College. Dawn huma zghazagh mimlija entuzjazmu u qed jippjanaw bosta attivitajiet immirati ghaz-zghazagh. Fil-fatt qed juru x-xewqa li jorganizzaw Karaoke Night, bl-assistenza tal-Youth Worker responsabbli minnhom.

**32.8 Xoghlijiet u progetti fil-lokalita’**

32.8.1 Is-Sindku nfurma li bhalissa fl-area tal-Housing Estate tar-Rabbat qed isir xoghol mill-haddiema assenjati mar-Regjun Nofsinhar, fuq il-hitan madwar il-blokki tal-flats. Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni li x-xoghol ghandu jsir b’aktar sengha. Ikun opportun jekk jinfurzaw fuq is-siment.

32.8.2 Is-Sindku nfurma li beda tahdidiet sabiex il-Kunsill jara x’jista’ jsir biex tittaffa l-problema tal-hamiem fil-lokalita’

32.8.3 Is-Sindku nfurma li l-Perit ipprezenta l-applikazzjoni quddiem l-Awtorita’ tal-Ippjanar sabiex isir xoghol ta’ rinnovar ta’ Pjazza Kappillan Muscat. Beda x-xoghol fuq it-tender sabiex malli jinhareg il-permess tinhareg it-tender u jinbeda x-xoghol minghajr dewmien.

32.8.4 Is-Sindku nfurma lill-membri li r-roundabout ta’ Triq il-Ferrovija u t-traffic Island fi Triq San Gorg Preca se jigu mdawwla. Dan sabiex tinghata dehra ahjar tal-area u jitnaqqas il-periklu ghas-sewwieqa.

32.8.5 Is-Sindku nfurma li gie avvicinat mill-artist Hamruniz Louis Briffa, artist li jahdem fuq l-istained glass, fejn qed juri x-xewqa li jaghmel zewg progetti fil-lokalita’. Aktar informazzjoni dwar dawn il-progetti se tinghata aktar ‘l quddiem.

32.8.6 Is-Sindku nfurma li bhalma forsi semghu, matul il-gimgha qabad garaxx li jinsab fi Sqaq id-Duluri u kien hemm problemi fejn il-fire engine ma setghet tidhol fl-isqaq minhabba vetturi li kienu pparkjati fi Triq id-Duluri. Is-Sindku ppropona li fejn hemm id-double yellow lines ssir bankina. Il-Vici Sindku, Vincent Bonello, gibed l-attenzjoni li hemmhekk kien hemm bosta problemi bejn ir-residenti u dawn id-double yellow lines saru fuq decizjoni finali tal-Pulizija.

32.8.7 Il-Vici Sindku Vincent Bonello nfurma lill-membri li matul il-gimgha kien hemm diffikultajiet fi Triq San Vincenz, fejn Ambulanza ma setghetx tidhol fit-triq minhabba xi bollards li hemm fil-kantuniera ta’Triq San Gejtanu ma Triq id-Duka t’Edinburgh. Fil-fatt l-ambulanza spiccat telghet One-Way.

32.8.8 Il-Vici Sindku Vincent Bonello staqsa x’sar dwar it-talba li l-iskip fi Triq is-Sewwieqa tigi rilokata. Il-Kunsillier Efrem Buttigieg infurma li hu flimkien mas-Sindku ghamlu site inspection u sabu li l-iskips kienu vojta u l-boroz kienu mormija fl-art. Is-Sindku nfurma li f’dan l-istadju se jsir moniteragg permezz ta’ Cameras.

Is-Sindku nfurma ukoll li l-Kunsill ghandu persuna li qed taghmel moniteragg dwar ir-rimi ta’ skart fil-lokalita’.

32.8.9 Il-Kunsillier Efrem Buttigieg infurma li l-Un/Loading Bay fi Triq id-Duluri qed tintuza b’mod abbuziv mis-sid tal-hanut tal-antikwarjat.

32.8.10 Il-Kunsillier Efrem Buttigieg staqsa fhiex wasal ix-xoghol tat-tappieri mitluba mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-haddiema ltaqghu mar-rapprezentanti tal-Ghaqda u ftehmu dwar ix-xoghol, izda kellhom xi materjal nieqes u ma setax isir.

32.8.11 Il-Kunsillier Efrem Buttigieg infurma li fi Triq Joe Gasan hemm xi kaptelli mkissrin.

32.8.12 Il-Kunsillier Efrem Buttigieg infurma lill-membri li gie avvicinat mill-Kumpanija Bad Boys Cleaners sabiex isiru double yellow lines hdejn il-garaxxijiet taghhom. Is-Segretarju Ezekuttiv talbet li l-Kumpanija tressaq it-talba taghha bil-miktub sabiex tigi mghoddija ghall-attenzjoni ta' Transport Malta.

32.8.13 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri gibed l-attenzjoni dwar Un/Loading Bay qrib 7 Days Confectionery li jinsab fi Triq il-Kbira San Guzepp, fejn it-tabella qed tindika Mon-Sun.

32.8.14 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab risposta dwar il-problema bil-parkegg fi Triq Kappillan Valletta.

32.8.15 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri gibed l-attenzjoni li t-tabelli tal-iskola mhux jidhru.

32.8.16 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri li gie avvicinat mir-residenti ta' Triq Karmenu Abela fejn qed jilmentaw li l-garaxx nru 6 ghandu l-yellow lines quddiemu, meta dan fil-fatt ma jintuzax bhala garaxx. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li dan il-kaz ghandu jitressaq ghall-attenzjoni tal-Pulizja u TM sabiex issir site inspection u jekk kemm-il darba dan il-garaxx ma jintuzax biex tiddahhal vettura fih, il-yellow lines jitnehhew.

32.8.17 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ippreżenta ritratt fejn jistgħu isiru 2 parking bays fi Triq Atocia. Il-Kunsill qabel li titressaq it-talba għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

## 32.9 Tenders

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Appell ippreżentat minn Waste Collection Ltd inqata' favur il-Kunsill, iżda l-Kumpanija ippreżentat Ritratazzjoni minn il-Qorti tal-Appell.

Saret diskussjoni dwar it-*Technical Specifications* tat-Tenders tal-Knis u tal-Contract Manager. Il-Kunsill approva t-*Technical Specifications* kif ippreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Viċi Sindku staqsa dwar it-tender tal-Istreet Lighting. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li nħarġet Espressjoni ta' Nteress mir-Reġjun Nofsinhar u l-Kunsill wera x-xewqa li jkun parti mit-Tender Reġjonali.

**32.10 Rapporti**

**32.10.1 3rd Quarter Financial Indicator**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-4th Quarter Financial Situation, fejn matul l-aħħar kwart tas-sena l-Kunsill kellu Surplus ta' € 8224.

**32.10.2 Unaudited Financial Statements as per year ending 31st December 2016**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-Unaudited Financial Statements għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016. Is-Segretarju Eżekuttiv innutat li l-Kunsill ħadem bil-għaqal u s-Surplus Ġenerali għas-sena 2016 kien ta' € 125,840.

Il-Kunsill approva l-Unaudited Financial Statements.

**31.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet Nru 24.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**32.12 Korrispondenza**

Charles Preca - Problema ta' parkeġġ fi Triq il-Kunċizzjoni. Il-Kunsill qabel li titressaq it-talba għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

AIB Insurance – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Insurance kkonfremat li l-Kunsill huwa Liable għall-accident tas-Sur Anthony Farrugia li seħħ fi Triq Kappillan Mifsud, għaldaqstant il-Kunsill għandu jħallas is-somma ta' €619. L-insurance se tkun qed tagħti € 300 lura lill-Kunsill.

**32.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

32. Il-laqgħa intemmet fis-7.15p.m. u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 15 ta' Marzu 2017 fil-5.00p.m.

Konfermati, illum, **15ta' Marzu 2017**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |